MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 163/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Maurizio Massimiliano**

Il-Qorti:

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Massimiliano Maurizio talli (**1**) fit-23 ta' Frar, 2003 fi Triq Johnny Catania, Msida, ghall-habta ta' l-4.00 pm bil-hsieb li jikkommetti serq ta' stereo tal-karozzi u oggetti ohra li jiswew aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Nadine Caruana, wera dan il-hsieb li jaghmel delitt b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi kisser u pprova jidhol fil-vettura bin-numru tar-registratzzjoni DBI-842 tal-ghamla V. W. Polo; (**2**) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fil-karozza bin-numru tar-

registrazzjoni DBI-842 ghad-dannu ta' Nadine Caruana liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda anqas minn Lm500; u (**3**) talli huwa jinsab recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mhassra;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Awissu, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Maurizio Massimiliano mhux hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u ghalhekk illiberatu minnhom, izda sabitu hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ta' disa' xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Maurizio Massimiliano, minnu pprezentat fil-5 ta' Settembru, 2003 li permezz tieghu appella minn dik il-parti tas-sentenza fejn instab hati;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 6 ta' Frar, 2004; ikkunsidrat:

Huwa b'sens ta' frustrazzjoni kbira li din il-Qorti ser ikollha, ghal darb'ohra, tannulla kompletament sentenza ta' l-ewwel qorti, kif ukoll il-proceduri kollha li saru mid-data ta' l-ewwel dehra tal-imputat quddiem dik il-qorti, u dan peress li ma gietx segwita l-procedura skond il-ligi b'tali mod li dik l-ewwel qorti qatt ma kienet kompetenti li taghti s-sentenza li effettivament tat. Kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, il-kwistjoni tal-kompetenza o meno tal-ewwel qorti hija materja ta' ordni pubbliku u ghalhekk sollevabbli minn din il-Qorti (ta' l-Appell Krminali) *ex officio* (ara *inter alia* ***Il-Pulizija v. Joseph Zahra*** App. Krim. 3 ta' Dicembru, 2001; ***Il-Pulizija v. Ronald Azzopardi*** 11 ta' Marzu, 2003).

L-appellant odjern kien akkuzat quddiem l-ewwel qorti b'tentattiv ta' serq aggravat minn vettura, bi hsara volontarja u li huwa recidiv. Issa, ghalkemm fl-ewwel imputazzjoni ma jinghadx li s-serqa ma gietx ezegwita minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tal-imputat, hu evidenti li l-prosekuzzjoni kienet qed tirreferi ghat-tentattiv fil-forma kontemplata fl-Artikolu

41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, u mhux ghal meta jkun hemm desistenza volontarja (Art. 41(1)(b)). Anke l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, dahlet fid-dettal dwar l-elementi tat-tentattiv meta r-reat ma jsehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` ta’ dak li jkun. Jekk wiehed kellu jiehu biss l-ewwel imputazzjoni, il-piena aggravata bil-valur biss (ghar-reat kunsmat) hija ta’ prigunerija <u>minn hames xhur sa tlett snin</u> (Artikolu 279(a), tal-Kodici Kriminali, citat anke mill-ewwel qorti fis-sentenza taghha). L-imputazzjoni tipotizza, pero`, anke l-kwalifika tax-“xorta tal-haga misruqa” – Artikolu 271(g), meta s-serq isir fuq xi vettura f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku, jew fuq xi parti jew accessorju ta’, jew fuq xi haga li tkun go, dik il-vettura.

Jekk wiehed kellu jiehu biss il-kwalifika l-anqas serja – dik tax-xorta tal-haga misruqa – il-piena ghar-reat kunsmat hija ta’ prigunerija <u>minn seba’ xhur sa sentejn</u>. Din il-piena massima ta’ sentejn tinzel, jekk wiehed japplika t-tnaqqis ta’ zewg gradi skond l-Artikolu 41(1)(a), ghal massimu ta’ sena prigunerija – Artikolu 31(1)(b)(ix)(x)(xi) – b’mod ghalhekk li r-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni kien jezorbita mill-kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali (Art. 370(1)). Pero`, peress li l-piena massima kienet ta’ anqas minn erba’ snin prigunerija, kien hemm lok li tigi applikata l-procedura fis-subartikolu (4) ta’ l-Artikolu 370. Jidher, infatti, li l-Pulizija Ezekuttiva hadet l-izbriga li ggib il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-proceduri sommarji skond dan is-subartikolu (ara l-kunsens bil-miktub a fol. 12). Li gara, izda, hu li l-ewwel qorti ma segwitex il-procedura li tistaqsi lill-imputata jekk hu kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja – kif kjarament jirrikjedi l-paragrafu (a) ta’ l-imsemmi subartikolu (4). Tali mistoqsija u t-twegiba ghaliha la tirrizulta mill-interrogatorju ta’ l-imputat (fol. 20) u lanqas mill-verbal tal-udjenza ta’ l-ewwel dehra, cioe` l-udjenza tas-26 ta’ Mejju, 2003. Fin-nuqqas ta’ twegiba, <u>fl-istadju li trid il-ligi</u>, fis-sens li l-akkuzat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, l-ewwel qorti ma kienitx kompetenti li tisma’ l-kawza bhala wahda sommarja, izda kellha tghaddi ghall-kumpilazzjoni u tibghat l-atti lill-Avukat

Generali skond il-procedura tal-kumpilazzjonijiet. Dan l-ewwel qorti ma ghamlitux, b'mod li ma kienet qatt kompetenti li taghti s-sentenza li tat fit-28 ta' Awissu, 2003. Il-Qorti tosserva li anqas jirrizulta li l-ufficjal prosekutur halef ir-rapport tieghu, li jinsab a fol. 1, kif jirrikjedi l-Artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proceduri kollha li saru mill-mument li Maurizio Massimiliano tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Mejju, 2003; u tibghat l-atti lura lil dik il-Qorti bhala Qorti Istruttorja sabiex il-kaz jinstema' skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------